MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 257/2010

**Joseph Grech**
**vs**
**Spiridione Muscat u l-mara tieghu Lucia Muscat**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat minn Joseph Grech fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Lulju 2010, permezz ta' liema l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' hamest elef, tlett mija disgha w hamsin Ewro (€5,359) dovuta lilu skond il-ftehim iffirmat fis-26 ta Mejju 2010 (Dok A) liema somma baqghet ma thallsitx.

Minkejja li gew interpellati jhallsu inkluz fost ohrajn b'ittri bonarji ta' l-4 ta' Gunju 2010 (Dok B) u l-14 ta' Gunju 2010 (Dok C) huma baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittri bonarji fuq imsemmija u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, fuq is-somma mitluba, dekorribbli mid-data tal-

ftehim tas-26 ta' Mejju 2010 sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti 'n subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-atti nhar id-9 ta' Novembru 2010 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*1. "Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attur intimida lill-eccipjent biex jiffirma l-iskrittura in kwistjoni tant li l-kunsens taghhom gie mminat bil-koerzjoni prattikat mill-attur bi pregudizzju ghall-konvenuti oltre bi zball tal-fatt billi l-eccipjenti ma jafux jaqraw.*
*2. Salv ecezzjonijiet ulterjuri."*

Illi nhar it-30 ta' Marzu 2011 xehed l-attur **Joseph Grech** u ghamel referenza ghad-dokumenti esebiti fl-atti. Dwar id-dokument A jghid li kien iltaqa' mal-konvenut u martu sabiex jitkellmu dwar il-pendenzi li kien hemm bejniethom u wara certu hin waslu ghad-decisjoni finali li l-konvenut kellu jhallas lill-attur dik is-somma pretiza fir-rikors promotur. Cahad li huwa b'xi mod intimidah, anzi jghid li kemm-il darba qallu sabiex imur ma' martu ghaliex huwa kien isib aktar raguni ma' martu. Ikkonferma li minn mindu fetah il-kawza odjerna l-konvenut ma ghamel l-ebda pagament u ghalhekk is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur hija kollha dovuta. Qal li mart il-konvenut, quddiemu kienet qalet lil zewgha li ma kienx hemm ghalfejn jaghmillu hekk. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument A esebit fl-atti a fol. 2.

**Lawrence Falzon** xehed nhar it-30 ta' Marzu 2011 u jghid li huwa jahdem mal-attur u jiftakar li nhar is-26 ta' Mejju 2010 huwa kien prezenti meta l-attur ghamel il-ftehim li ghamel mal-konvenut, tant li fuq il-ftehim Dok A hemm ukoll il-firma tieghu. Huwa kkonferma li ma kien l-ebda pressjoni jew vjolenza fuq il-konvenut sabiex jiffirma d-Dokument A. Anzi jghid li kollox kien trankwill - ftehim normali.

Il-konvenuti debitament ingunti mill-attur u notifikati biex jidhru l-Qorti sabiex jixhdu f'dawn il-proceduri, naqsu li jattendu ghas-seduta tal-11 ta' Mejju 2011.

Rat il-verbali taghha fejn tat cans lill-konevnuti sabiex jattendu l-Qorti w jipprovaw dak li eccepew fl-eccezzjonijiet taghhom, izda dan inutilment ghaliex baqghu m'attendewx il-Qorti, w kien ghalhekk li din il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tar-rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-attur, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji mill-konvenuti, tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur dik l-istess somma msemmija fir-rikos promotur ta' hamest elef, tlett mija w disgha w hamsin Ewro (€5,359) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi ta' tmienja (8%) fil-mija mid-data ta' meta r-rikors promotur gie notifikat lill-konvenuti.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-4 ta' Gunju 2010 u l-14 ta' Gunju 2010 a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------